# 68. It-Tama Tiegħi

Għalkemm għaddew sentejn li ilek mejta,
jien għadni nħobbok xorta kif kont dari;
it-tbissima ta' fommok qatt ma nsejtha,
u nħossok ta' kull jum iddur madwari.

Ah! le', ma xejnitekx il-Mewt imqejta
'mma biss bejnietna tellgħet ħajt fix-xagħri
tal-mixja tagħna; t-tnejn flimkien ġo bejta
f'dejr il-Ħallieq għad nitħabbew bħal dari.

U min jittenta jqaċċat din it-tama
li nibtet ġewwa qalbi ħdejn il-qabar
tiegħek u t'ommok, kif għattewk bl-irħama,

Ikun ġo laħmi ħaj daħħal sikkina,
u ħadli d-dawl minn għajni, u mingħajr sabar
fid-dlam ta' sidri ħalla l-qalb miskina.